

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) H.R. Participations SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 312, 16.9.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2020 – Cinkciarz.pl vs EUIPO (€\$)

(Kawża T-665/19) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea €\$ – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2021/C 53/47)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: Cinkciarz.pl sp. z o.o. (Zielona Góra, il-Polonja) (rappreżentanti: E. Skrzydło-Tefelska u K. Gajek avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Lulju 2019 (Każ R 1345/2018-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi €\$ bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Cinkciarz.pl sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 399, 25.11.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2020 – HA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-736/19) (¹)

[“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Rimbors għall-ispejjeż mediċi – Limitu ta’ rimbors għall-apparati għall-apnea waqt l-irqad – Rikors għal annullament – Assenza ta’ att purament konfermattiv – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta’ mard tal-uffiċjali – Dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implimentazzjoni”]

(2021/C 53/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: HA (rappreżentant: S. Kreicher, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr, A.-C. Simon u M. Brauhoff, aġenti)